MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1142/2014

**Perit Arkitett Joseph Xuereb (108728M) u martu Doris Xuereb (682235M)**

**vs.**

**Michael Vella (790355M) f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ bl-isem "Vella Dairy Farms"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-atturi **Perit Arkitett Joseph Xuereb (108728M)** u martu **Doris Xuereb (682235M)** fis-16 ta' Diċembru, 2015 fejn il-Perit Arkitett Joseph Xuereb ikkonferma bil-ġurament:

> *Illi l-atturi huma proprjetarji ta' porzjoni ta' art tal-kejl ta' ċirka mija u disgħa metri kwadri (109 m.k.) li tinsab faċċata tal-blokk bini bl-isem "Mountview" fi Triq tal-Prepostu, San Ġwann.*
>
> *Illi xi żmien ilu l-konvenut, illegalment, abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, okkupa din il-parti tal-proprjetà tal-atturi sabiex jużaha bħala trejqa għan-negozju tiegħu.*

*Illi inoltre, l-konvenut bidel jew radam il-wiċċ tal-ħamrija f'dik il-parti tal-art hawn fuq imsemmija, proprjetà tal-atturi, sabiex isservi bħala trejqa għall-vetturi kif hawn fuq ingħad.*

*Illi barraminhekk il-konvenut waqqa' ċirka erbgħa u sittin metru (64m) tul ta' ħitan tas-sejjieħ li kienu jservu ta' ħitan diviżorji bejn il-proprjetà tal-atturi u dik okkupata mill-konvenut, u dan mingħajr il-kunsens tal-atturi.*

*Illi b'riżultat tal-aġir illegali tal-konvenut, l-atturi sofrew danni, fost oħrajn, in-nuqqas ta' godiment tal-proprjetà tagħhom.*

*Illi minkejja li l-konvenut ġie debitament interprellat sabiex jiżgombra mill-porzjon ta' art imsemmija, u sabiex jirrikostruwixxi l-ħitan tas-sejjieħ u jirripristina l-wiċċ tal-art mibdula jew mirduma minnu, huwa baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-atturi jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra u jirrilaxxja battala favur l-atturi l-porzjon ta' art tal-kejl ta' ċirka mija u disgħa metri kwadri (109 m.k.) liema art tinsab faċċata tal-blokk bl-isem "Mountview", Triq tal-Prepostu, San Ġwann.*
2. *tordna lill-konvenut sabiex jirrikostruwixxi mill-ġdid l-ħitan tas-sejjieħ li kienu jservu ta' ħitan diviżorji bejn il-proprjetà tal-atturi u dik okkupata mill-konvenut, liema ħitan kellhom tul ta' ċirka erbgħa u sittin metru (64m).*
3. *tordna wkoll lill-konvenut sabiex jirripristina l-wiċċ tal-art minnu mibdula jew mirduma u okkupata illegalment kif hawn fuq spjegat.*
4. *tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti u li għad jistgħu jsorfru l-atturi inkluż it-telf ta' godiment tal-proprjetà tagħhom b'riżultat tal-aġir illegali u abbużiv tal-konvenut.*
5. *tillikwida d-danni kollha hekk sofferti okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.*
6. *konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma hekk likwidata u dovuta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Mejju, 2014 inġunt minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi skont il-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Calcedonio Vella (K.I. 871248M)** f'ismu proprju u bħala eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Jannar, 2015, fejn Calcedonio Vella ikkonferma bil-ġurament tiegħu:

1. *Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex il-konvenuti qatt ma okkupaw illegalment l-art indikata fir-Rikors Ġuramentat. Kienu l-istess atturi li b'mod abbużiv okkupaw u bnew parti minn garage fuq il-proprjetà tal-konvenuti u dan l-istat ta' illegalità għadu għaddej sallum.*

2. *Illi t-talbiet u ċjoè dak allegat mill-attur mhuwiex veritier għaliex dan il-ħajt kien inqala' mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u dan sabiex għaddew il-katusi tar-reverse osmosis minn Pembroke għan-Naxxar. Dwar dan l-atturi kienu wkoll kitbu lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex din l-art tiġi esprorpijata u b'hekk ikunu jitħallsu.*

3. *Illi l-uniku ħaġa li l-konvenuti kienu jagħmlu kien li jnaddfu din il-biċċa art miż-żibel li tħalla kemm mill-atturi kif ukoll mir-residenti li joqgħodu fl-istess flats.*

4. *Illi kuntrarjament għal dak li ntqal, kien hemm ftehim verbali li l-konvenuti jħallu lir-residenti jgħaddu minn fuq l-art tagħhom sabiex dawn joħorġu dritt għal qalb il-villel fl-area Tal-Ibraġġ (minn fuq il-proprjetà tal-konvenuti) u mhux jgħaddu mit-trejqa li twassalhom għal main road ta' San Ġwann. Din kienet parti mill-marketing strategy sabiex kienu jinbiegħu xi wħud mill-flats mill-atturi f'dak iż-żmien.*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Illi flimkien mar-Risposta Maħlufa tiegħu, Calcedonio Vella f'ismu proprju u bħala eżerċenti l-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms, ippreżenta kontro-talba li tgħid:

*Illi l-esponenti huwa proprjetarju ta' porzjoni ta' art magħrufa bħala tal-Prepostu, San Ġwann.*

*Illi xi żmien ilu, l-attur qabad u abbużivament bena garage parzjalment fuq din il-proprjetà tal-esponenti kif jirriżulta mill-annessa pjanta Dok. A.*

*Illi apparti minn hekk l-atturi qegħdin jgħaddu minn fuq parti mill-proprjetà tal-esponenti sabiex jiżbukkaw għal ġo Tal-Ibraġġ.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li l-atturi bnew parti mill-garage tagħhom, ossija fuq il-proprjetà tal-konvenuti, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi.*
2. *Tiddikjara illi l-atturi m'għandhomx il-jedd jgħaddu minn fuq il-proprjetà tal-esponenti fuq deskritta.*
3. *Tordna lill-atturi jiddemolixxu dik il-parti tal-garage inkwistjoni fejn dan huwa mibni fuq proprjetà tal-konvenuti b'tali mod li jirripristinaw l-art inkwistjoni tal-konvenuti għall-istat oriġinali tagħha, taħt id-direzzjoni ta' perit tekniku minnha nominat.*
4. *Tawtorizza lill-konvenuti sabiex fin-nuqqas li l-attur jeżegwixxi x-xogħlijiet imsemmija fit-tieni talba, ikunu awtorizzati jeżegwixxu l-istess xogħlijiet huma a spejjeż tal-atturi.*

5. *Tiddikjara illi minħabba 'l fuq premess il-konvenuti sofrew u għadhom isofru danni.*
6. *Tillikwida d-danni hekk sofferti.*
7. *Tikkundanna lill-atturi jħallsu dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma nġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta**l-atturi rikonvenzjonati il-Perit Arkitett Joseph Xuereb u martu Doris Xuereb** għat-talbiet rikonvenzjonali ta' Calcedonio Vella proprio et nomine, fejn il-Perit Arkitett Joseph Xuereb eċċepixxa:

1. *Preliminarjament l-irritwalità u n-nullità tar-Risposta Ġuramentata u l-kontestwali kontro-talba billi dawn saru minn persuna li mhijiex parti u m'għandha ebda locus standi f'din il-kawża.*

2. *Fil-mertu t-talbiet rikonvenzjonali magħmula minn Calcedonio Vella f'ismu proprju u bħala eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

3. *Mhux veru li l-eċċipjenti rikonvenzjonati bnew fuq l-art tal-istess Calcedonio Vella f'ismu proprju u bħala eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms, u lanqas ma huma jgħaddu minn fuq art tiegħu.*

4. *F'kull każ in kwantu qed jivvanta titolu ta' proprjetà l-istess Calcedonio Vella pro et noe għandu jipprova u jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu skont il-liġi.*

5. *F'kull każ ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tal-imsemmi Calcedonio Vella pro et noe għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi l-proprjetà tal-eċċepjenti ilha fil-pussess animo domini tagħhom u tal-awturi tagħhom fit-titolu għal aktar minn erbgħin sena. Fir-rigward tal-mogħdija, l-eċċepjenti rikon-venzjonati ilhom igawdu dan id-dritt b'mod mhux interrott għal aktar minn erbgħin sena.*

6. *Inoltre, l-eċċepjenti ma kkawżaw ebda danni lil Calcedonio Vella pro et noe.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Mejju 2014 kontra Calcedonio Vella pro et noe nġunt minn issa għas-subizzjoni.*

Rat ir-Rikors ta' **Michael Vella (ID. 790355(M))** f'ismu proprju u bħala eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms ippreżentat fit-23 ta' Jannar, 2015 fejn ippremetta u talab:

*Illi f'din il-kawża ġiet ippreżentata risposta ġuramentata u kontro-talba ta' Calcedonio Vella (KI 871248(M)) f'ismu proprju u bħala eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms.*

*Illi dan sar bi żvista u si tratta biss ta' lapsus calami għaliex fil-fatt ir-risposta kellha tkun ta' Michael Vella (ID 790355(M)) f'ismu proprju u bħala eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms.*

*Illi skont l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 din il-Qorti tista' takkorda korrezzjonijiet simili basta ma tinbidilx is-sustanza tal-azzjoni jew l-eċċezzjonijiet fil-mertu. Kjarament dawn mhux ser jiġu affettwati f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri. Is-sustanza tal-azzjoni hija determinata mill-premessi u t-talbiet fir-rikors ġuramentat u l-eċċezzjonijiet mhux ser jiġu affettwati għaliex huma l-konvenuti stess li qed jitolbu korrezzjoni, u dan sempliċement fl-isem.*

*Illi f'dan ir-rigward il-qrati tagħna dejjem irritjenew illi d-dispożizzjoni tal-liġi dejjem serviet ħalli jiġu evitati dupliċità ta' kawżi u jiġi evitat dak il-formaliżmu rigoruż li ħafna drabi kien qed iwassal biex jiġi stultifikat il-kunċett ta' ġustizzja.*[1]

*Illi l-esponent jirrileva illi għal dak li jirrigwardja l-korrezzjoni inkwistjoni il-qrati tagħna ai termini tal-Artikolu 175 qed ikunu ferm permissivi fejn tidħol korrezzjoni jew żieda u dana sabiex jiġi evitat formaliżmu żejjed u jbiegħed lill-istess qrati milli fl-aħħar mill-aħħar jagħmlu ġustizzja.*[2]

*Illi f'dan il-każ ċertament illi b'din il-korrezzjoni mhix se tinbidel is-sustanza tal-azzjoni.*[3]

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza l-korrezzjoni fis-sens illi kull fejn fir-risposta ġuramentata u fil-kontrotalba jidhru l-kliem "Calcedonio Vella (KI 081248M) f'ismu proprju u bħala eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms" dawn jiġu sostitwiti bis-segwenti: Michael Vella (ID. 790355(M)) f'ismu proprju u bħala eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Vella Dairy Farms u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikors tat-23 ta' Jannar, 2015 tal-konvenut Michael Vella pro et noe ġie ittrattat mill-avukati tal-partijiet u l-kawża tħalliet għall-provvediment.

---

[1] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kummerċjali) fl-ismijiet **Edwin Mirabelli noe vs. James Gollcher noe et** datata 14 ta' Marzu, 1988; sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kummerċjali) datata 12 ta' Diċembru, 1994 fl-ismijiet **Elisasbeth Anne Calabrese vs Ersilia Bigeni;** sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 4 ta' Diċembru, 1995 fl-ismijiet Maġistrat **John Formosa vs. Joseph Fenech**; sentenza tal-Prim' Awla datata 4 ta' Marzu, 1999 fl-ismijiet **Anthony Abdilla vs. Emmanuela Deguara.**

[2] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Walsh's Limited vs. Awtorità tal-Ippjanar** datata 18 ta' Frar, 1997.

[3] Ara sentenza tal-Prim'Awla datata 27 ta' Ġunju 2002 fl-ismijiet **Simon Debono vs. HSBC Malta p.l.c. ġja Mid Med Bank p.l.c** datata 27 ta' Ġunju, 2002; sentenza tal-Prim'Awla datata 22 ta' Jannar, 1999 fl-ismijiiet **Mayflower Property Co. Ltd u Għar Kaukla vs. Reġistratur tas-Soċjetajiet et**; sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 13 ta' Lulju, 2001 fl-ismijiet **Martin Fenech vs. Emanuel Gatt.**

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi dak li għandha quddiemha il-Qorti f'din il-kawża la huwa żball fl-isem ta' xi waħda mill-partijiet u lanqas fil-kwalità li fiha tidher, u lanqas huwa żball li jista' jissewwa billi jiġi permess tibdil mill-qorti fl-iskritturi billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku. Dak li għandha quddiemha din il-Qorti f'din il-kawża hija risposta maħlufa li ġiet ippreżentata u maħlufa minn Calcedonio Vella, xi ħadd li mhuwiex parti f'din il-kawża.

Tqis illi l-korrezzjoni għar-Risposta Maħlufa ta' Calcedonio Vella kif ġiet mitluba fir-Rikors tal-konvenut Michael Vella pro et noe, ma tistax tiġi awtorizzata minn din il-Qorti, għax l-iżball inkwistjoni ma jistax jissewwa billi a tenur tal-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta "jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku".

Qabel xejn irid jingħad illi Calcedonio Vella strettament mhuwiex parti fil-kawża u fi kwalunkwe każ anki li kieku għas-saħħa tal-argument il-Qorti kellha tippermetti din il-korrezzjoni kif mitluba, xorta waħda tibqa' il-problema li r-risposta maħlufa u l-kontro-talba kif korretti ma jkunux maħlufa minn Michael Vella imma minn Calcedonio Vella li mhuwiex parti fil-kawża. F'liema każ ir-risposta maħlufa u l-kontro-talba ta' Michael Vella xorta waħda għandhom jitqiesu bħala tardivi għax it-terminu ta' għoxrin (20) min-notifika tar-Rikors Maħluf lill-konvenut Michael Vella pro et nomine diġà għadda.

Tqis għalhekk illi l-konvenut li ġie msejjaħ biex iwieġeb għat-talbiet attriċi, Michael Vella, ma ppreżentax risposta maħlufa fiż-żmien prefiss mil-liġi ta' għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika, u għalhekk skont l-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jitqies li huwa kontumaċi.

Illi l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi*

*jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża".*

L-iskop tal-leġiżlatur wara l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 kien ċertament illi safejn ikun possibbli jiġu ssanati u salvati l-atti u tiġi evitati dupliċità ta' kawżi u jiġi evitat dak il-formaliżmu rigoruż li jista' jwassal biex tiġi stultifikata l-ġustizzja sostantiva. U dan billi jkunu jistgħu jiġu awtorizzati mill-Qorti dawk il-korrezzjonijiet kollha neċessarji li ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża u ma joħolqu ebda preġudizzju għad-drittijiet tal-kontroparti.

Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu, isalvaw l-atti u mhux jannullawhom. "Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke abbażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap. 12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh (**"Fino vs Fabri noe"** – deċiża mill- Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997; **Malta Development Corporation vs Paul Licari** deċiża mill-Prim'Awla fit-22 ta' April 2004, **Charles Fino vs Alfred Fabri noe Appell** tat-28 ta' Frar 1997, **Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini,** deċiża mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anzichè annullati jew dikjarati nulli (**"Ellul vs Coleiro"** – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994. Ara wkoll – **"Guillaumier Industries Ltd vs Fava et"** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 28 ta' Ottubru 1998, **"Attard noe vs Galea"** – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u **"Aquilina vs Cassar"** – Vol.LXXVI.IV.666).

Il-kawża preżenti ġiet ippreżentata mill-atturi kontra l-konvenut Michael Vella f'ismu proprju u eżerċenti fil-kummerċ bl-isem "Vella Dairy Farms". Minflok ma wieġeb il-konvenut Michael Vella, ir-risposta maħlufa ġiet ippreżentata minn xi ħadd mill-familjari tiegħu, Calcedonio Vella, li hu preżumibbilment ħuh, li ukoll huwa eżerċenti fil-kummerċ bl-isem "Vella Dairy Farms".

Mad-daqqa t'għajn jidher evidenti li "Vella Dairy Farms" hija impriża agrikola li hemm involuti fiha għadd ta' membri tal-istess familja, tant hu hekk li fl-ewwel smigħ ta' din il-kawża[4] u anki fis-smigħ

[4] A fol. 18.

sussegwenti[5], meta ssejħet il-kawża dehru kemm Michael Vella u Calcedonio Vella, kif ukoll Raymond Vella u Brian Vella.

Il-persuni nvoluti f'dawn it-tip ta' impriżi/ditti agrikoli li fihom ikunu soċji fin-negozju membri tal-istess familja, dawn ġeneralment ikunu persuni mill-aktar kapaċi fix-xogħol tagħhom, iżda mhux bilfors ikunu jinqalgħu fejn jidħlu kwistjonijiet ta' karti u kitba. Li att ġudizzjarju indirizzat lil wieħed mill-aħwa f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ bl-isem "Vella Dairy Farms" jiġi mwieġeb minn xi ieħor mill-aħwa f'ismu proprju u eżerċenti fil-kummerċ bl-istess isem ta' "Vella Dairy Farms", fil-fehma ta' din il-Qorti mhuwiex nuqqas li għandu jippenalizza lill-membri tal-istess familja eżerċenti fil-kummerċ bl-isem ta' "Vella Dairy Farms" sal-punt li dawn għandhom ikunu mċaħħda mid-dritt illi jressqu d-difiża tagħhom għat-talbiet tal-atturi f'din il-kawża.

Illi l-konvenut Michael Vella spiċċa kontumaċi f'din il-kawża b'riżultat ta' żball ġenwin min-naħa tiegħu jew tal-familjari tiegħu jew ta' *lapsus calami* tal-avukati tiegħu, kif proprju jingħad fir-rikors tat-23 ta' Jannar, 2015.

Għalhekk din il-Qorti tqis li ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, Michael Vella irnexxilu jipprova għas-sodisfazzjon tagħha li hemm raġuni tajba biżżejjed li għandha tiskuża n-nuqqas li wassal għall-kontumaċja tiegħu.

Illi fi kwalunkwe każ l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi l-preżentata tal-iskritturi tista' ssir mill-persuna li tidher bħala soċju jew rappreżentant ta' ditta, u l-istess Artikolu 180(1) fis-subinċiż (ċ) tiegħu ikompli jgħid illi "l-preżentata tal-iskritturi tista' ssir minn kull soċju ieħor ta' ditta kummerċjali (*'commercial firm'* fit-test Ingliż tal-liġi) li għaliha l-iskrittura tirreferixxi".

**Decide**

[5] A fol. 71.

**Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi:**

(i) **Illi r-Risposta Maħlufa u l-kontestwali Kontro-Talba mressqin minn Calcedonio Vella f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ bl-isem "Vella Dairy Farms", safejn dawn l-atti ġew ippreżentati f'isem id-ditta kummerċjali Vella Dairy Farms, għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi peress li saru ai termini tal-Artikolu 180(1)(a) u (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

(ii) **Illi l-konvenut Michael Vella f'ismu proprju, filwaqt li għandu jitqies li huwa kontumaċi ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis illi permezz tar-rikors tat-23 ta' Jannar, 2015, Michael Vella irnexxilu jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta maħlufa fiż-żmien li kien imiss u għalhekk din il-Qorti qegħda tagħtih għoxrin (20) jum millum biex jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu għar-Rikors Maħluf tal-atturi.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti.**

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------